Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali

**Magistrat Dr Anthony Ellul B.A. (Hon.) Pub. Admin. LL.D**

Illum l-Erbgha, 26 ta' Settembru, 2007.

Citazzjoni numru:- 70/1993AE

Joseph Portelli f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' l-imsiefra Bernardette Logan, Carmen Vella u Pawla Buttigieg bhala prokuratrici ta' Katleen Mazzotta

Vs

Rita Portelli, Pawlu Portelli, William Portelli, Peter Paul Portelli

**Provvediment dwar rikors prezentat mill-atturi fil-15 ta' April 2004 (fol. 82) u dwar il-mod kif ghandha tigi kalkolata l-legittima.**

Il-Qorti,

Permezz ta' citazzjoni prezentat fit-28 ta' April 1993, l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt ta' Salvu Portelli li miet fit-8 ta' Jannar 1983 u ta' Maria Portelli li mietet fl-14 ta' April 1990, inkluz hlas ta' legittima lill-konvenuta Rita Portelli u l-attrici Katleen Mazzotta (rapprezentata minn Pawla Buttigieg), kif ukoll immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija mit-testaturi.

Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuta Rita Portelli fil-11 ta' Mejju 1993 (fol. 41) jinghad:- *"illi hija trid li fil-likwidazzjoni tal-legittima lilha dovuti jidhlu il-legati, donazzjonijiet li l-mejtin genituri taghha hallew lill-uliedhom"*.

Rat ir-rikors tal-atturi prezentat fil-15 ta' April 2004 (fol. 82) li permezz tieghu talbu li l-konvenuta Rita Portelli ghandha taghmel tajjeb b'garanzija ghall-ispejjez tar-relazzjoni li trid issir mill-perit tekniku. Din it-talba saret fl-isfond tal-fatt li l-atturi qeghdin jippretendu li l-legittima ghandha tigi kalkolata fuq il-valur totali tal-assi tad-decujus fid-data tal-mewt taghhom oltre donazzjonijiet li d-decujus setghu taw *vita durante*. L-atturi jsostnu li gialadarba diga' hemm stima li saret mill-perit tad-

Dipartiment tat-Taxxi Interni, ghandha tintuza dik l-istima sabiex jigu evitati spejjez zejda.

Rat ir-risposta prezentata minn William Portelli fit-28/4/2004 (fol. 93).

Rat ir-risposta prezentata minn Rita Portelli fl-4/5/2004 (fol. 94).

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2007.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz tar-rikors taghhom l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuta Rita Portelli tigi ordnata taghmel tajjeb b'garanzija ghall-ispejjez li ser isiru biex issir stima tal-proprjeta' in kwantu jsostnu li l-istima tal-proprjeta' ghandha tittiehed fuq il-valur moghti mill-perit nkarigat mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni peress li kien hemm qbil f'dan is-sens bejn il-partijiet.

2. Jidher li l-partijiet l-ohra jaqblu ma' din it-talba bl-eccezzjoni tal-konvenuta Rita Portelli li tippretendi li l-proprjeta' ghandha tigi stmata mill-perit tekniku nkarigat mill-Qorti (AIC Emanuel Vella – seduta tal-24 ta' Gunju 1993 fol. 46). Fir-rigward ta' l-istima li ghamel il-perit inkarigat mid-Dipartiment tat-Taxxa, il-konvenuta Rita Portelli ssostni li *"…l-esponenti qablet biss li jintuzaw dawn l-istejjem jekk l-atturi jaqblu li hija tiehu l-legittima spettanti lilha fi proprjeta' haga li l-atturi skartaw ghal kollox fir-rikors taghhom"*.

3. Mill-atti jidher li Rita Portelli tippretendi li l-legittima li ghandha dritt ghaliha tehodha *in natura*. L-atturi jippretendu li Rita Portelli ghandha dritt tircievi s-somma ta' erbat elef hames mija u wiehed liri Maltin (Lm4,501) bhala legittima mill-wirt tal-genituri taghha (fol. 106-108). L-atturi qeghdin jargumentaw li sabiex isir kalkolu tal-legittima li hi dovuta lill-konvenuta Rita Portelli il-valur tal-fondi ghandu jkun il-valur tal-fondi fid-data tal-mewt tat-testatur, u dan in kwantu fil-fehma taghhom *"il-legittima hija debitu tal-eredita"*[1].

[1] Ittra datata 5 ta' Gunju 2001 (fol. 111) mibghuta mid-difensur ta' l-atturi.

Skond it-testment li ghamlu Salvu Portelli u Maria Portelli (genituri tal-kontendenti u nanniet tal-attrici Katheleen Mazzotta):-

(a) Fl-4 ta' Jannar 1983 atti nutar Dr. John Gambin, it-testaturi hallew il-legittima lill-konvenuta Rita Portelli [**Hames Artikolu**] (fol. 13);
(b) Fis-6 ta' Jannar 1983 atti nutar Dr. John Gambin, it-testaturi hallew lil Rita Portelli legat ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) [**L-Ewwel Artikolu**] (fol. 17).

Mill-atti jirrizulta li l-konjugi Portelli kellhom tmint (8) itfal. Ghalhekk il-legittima hi nofs il-beni tal-mejjet, u f'dan il-kaz is-sehem spettanti lill-konvenuti Rita Portelli u Katleen Mazzotta bhala legittimarji hu ta' wiehed minn sittax (1/16) lil kull wiehed (Art. 616 tal-Kodici Civili) kemm mill-beni ta' Salvu Portelli u mill-beni ta' Maria Portelli.

4. Sabiex il-Qorti tkun tista' taghti provvediment dwar ir-rikors li gie prezentat mill-atturi trid bilfors tigi trattata l-kwistjoni dwar il-valur li ghandhom jinghataw l-assi ereditarji li jridu jigu stmati ghall-finijiet ukoll ta' likwidazzjoni ta' legittima. Huwa maghruf li:

- *"il-legittima hija sehem mill-beni tal-mejjet"* (Artikolu 615 tal-Kodici Civili); *"Il-legittimarju ma hux eredi; imma lanqas huwa kreditur ta' l-eredita'; huwa biss ghandu porzjoni mill-beni li halla d-decujus li hija rizervata lilu mil-ligi"* (**Carmela Farrugia noe. et vs Concetta Mintoff et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Gunju 1949 – Vol. XXXIII.472).
- Il-legittima hi dovuta *in natura* (**Vol. XXVII P I p 451; Vol. XXXVIII P II p 551**), "*in piena proprieta` senza alcun peso od altra condizione*" (**Vol. XXII P II p 116**). Interessanti li fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppa Sammut vs Grazia Refalo et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Vol. XXXVIII.ii.551) fit-30 ta' Gunju 1954, il-Qorti osservat li gialadarba s-sehem dovut hu n-natura ma kellux jigi sodisfatt b'ammont likwidu sakemm ma jkunx hemm mil-kunsens ta' l-interessati kollha. Il-Qorti kompliet tghid li *"....ladarba l-legittima hija dovuta in natura, u jidher li l-fond mhux divizibbli komodament u minghajr hsara, huwa gust li l-legittimarji*

*jibbenefikaw mill-konkorrenza tal-barranin fil-bejgh ta' l-istess fond"*. Tant hu hekk fil-waqt li tat li assenjat lill-legittimarju s-sehem spettanti lilu bhala legittima fil-proprjeta' (1/12), ordnat il-bejgh bil-licitazzjoni tal-proprjeta' bl-ammissjoni ta' offerti barranin.

- Ghal finijiet ta' kalkolu ta' legittima, "*si calcola sull' intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie*" (**Vol. IX pagna 297**). Ghalhekk ghandha tigi kalkolata fuq il-patrimonju kollu li minnu jridu jitnaqqas id-dejn inkluz l-ispejjez tal-funeral tad-decujus. Fis-sentenza riportata fil-Volum XXXIII.i.472[2] inghad: *"Ir-rigali li d-decujus jaghmel a favur ta' kwalunkwe persuna ghandhom jigu mdahhlin fir-rijunjoni tal-patrimonju tad-decujus biex tigi kalkulata l-legittima; u anki l-legati li d-decujus ikun ghamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta' benificenza"*.
- Gialadarba ghalhekk *"skond il-ligi taghna l-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus, dan allura, kif gja inghad, jista' jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, minghajr distinzjoni ta' l-ispecie taghhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantita`*. ***Jigifieri sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lil-legittimarju determinata speci ta' beni'*** (**Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju, 1950 - **Vol. XXXIV P II p 574**);*"Dan ifisser li l-legittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-legittima tieghu tigi mdahhla parti minn kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus. Konsegwentement, meta d-decujus ihalli xi legat jew jaghmel xi donazzjoni, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla fil-*

[2] **Carmela Farrugia ne. et vs Concetta Mifsud et**.

*legittima u tigi assenjata lilu. Dak il-legat jew dik id-donazzjoni ghandhom* ***jigu mehuda in konsiderazzjoni biss ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima*** *u jkun hemm lok ghar-riduzzjoni taghhom fil-kaz li din tigi leza.” –* “**Joseph Vella –vs- Anthony Bezzina et**”, Appell, 20 ta’ Novembru 1998[3]. Kif tajjeb gie osservat mill-Profs. V. Caruana Galizia: *“The law does not specify the kind of property which is to make up the legitim: it simply states that it is ‘a portion of the property of the deceased’. On the other hand, the person to whom the legitim is due may not claim any portion of the property disposed of by the testator, either by donation or by will, unless he has thereby disposed of more than he is by law allowed”*[4].

- Peress li l-legittima hi porzjon li d-decujus ma jistax jiddisponi minnha, it-testatur lanqas ma jista’ jimponi xi piz jew xi kundizzjoni fuqha (Art. 620 tal-Kodici Civili).

5. In segwitu ghall-emendi li dahlu fis-sehh permezz ta’ l-Att XVIII ta’ 2004, sar tibdil radikali fir-rigward tal-legittima (li llum tissejjah porzjon rizervata) fis-sens li:

- Id-dritt hu kreditu tal-valur tal-porzjon rizervata fil-konfront tal-eredita’. Ghalhekk tnehha l-kuncett tas-sehem tal-beni tal-mejjet.
- Mid-data tal-ftuh tas-successjoni, imghax bir-rata legali jiddekorri fuq il-kreditu jekk il-porzjon rizervata hi mitlub fi zmien sentejn (2) mid-data tal-ftuh tas-successjoni, jew mid-data tan-notifika ta’ ittra ufficjali jekk it-talba ssir wara l-imsemmija sentejn.

Madankollu, dawn l-emendi ma japplikawx ghall-kaz tal-lum peress li fl-Att hemm disposizzjoni tranzitorja li taghmilha cara li l-emendi japplikaw ghal successjonijiet li jsehhu wara li l-

[3] Ara wkoll sentenza moghtija fit-3 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza **Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et**.
[4] *Notes on Law of Succession*, pagna 1,001.

provvedimenti relattivi jidhlu fis-sehh (Ara Artikolu 116(2) tal-Att numru XVIII tal-2004).

6. L-atturi ghamlu riferenza ghal dawn is-sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fir-rigward tal-kriterjru li ghandu jigi segwit fil-kalkolu tal-valur tal-assi u kwota tal-legittima:-

   (a) Qorti ta' l-Appell deciza fl-10 ta' Dicembru 1973 fil-kawza fl-ismijiet **Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et[5];**
   (b) Qorti ta' l-Appell deciza fl-14 ta' Dicembru 1973 fil-kawza fl-ismijiet **Emilia Mifsud vs Eleonora sive Nellie Mizzi et (Cit. nru: 751/66)**

   L-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell f'dawn is-sentenzi hu s-segwenti:-

   *"Kwantu ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjoni legittima, li hi l-materja involuta f'dan l-appell, il-Qorti tahseb li m'ghandu ikun hemm kwistjoni, in bazi ghall-principji (ara in partikolari art. 684 Kodici Civili[6]) li ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputu li hi **<u>riunjoni fittizia tal-assi ereditarju</u>** in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dak indispensabbli, anki biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors **<u>wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni</u>**.*

   *Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fisazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx soddisfatta u, trattandosi ta' beni in-natura (mhux flus), ikkonvertiet ruhha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett un bene reale u l-aestimatio rei ghandha tkun*

[5] F'din is-sentenza (kopja ta' liema giet ezibita mill-atturi – fol. 112) inghad li l-legittima *"'non consiste in credito', kif jinghad fin-noti tal-Professur Giovanni Caruana. Intant fis-sentenza riportata fil-Vol. XXVII.i.451 intqal ukoll illi 'tra la quota di cui s'e' disposto col testamento e la quota indisponibile non vi e' comunione'; u in generali jidher illi fil-gurisprudenza taghna il-figura tal-legittimarju ipprofilat ruhha bhala figura a se: la hu semplici kreditur u lanqs hu veru komproprjetarju".*
[6] Illum Artikolu 647 tal-Kodici Civili.

*riferita ghaz-zmien tal-konversjoni, cioe' z-zmien l-aktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravvenuta svalutazzjoni monetarja".*

Din il-Qorti ma taqbilx li permezz ta' dawn is-sentenzi kien qieghed jigi kkonfermat li l-kriterju li ghandu jittiehed sabiex tigi kalkolata l-valur tal-legittima dovuta lill-atturi hi li jigi meqjus kemm jiswa l-gid tal-wirt fiz-zmien tal-mewt ta' missier l-imharrkin u tieqaf hemm. Anzi pjuttost il-Qorti tifhem l-oppost, fis-sens li dan il-valur jittiehed biss ghal finijiet ta' l-esercizzju preliminari li jrid isir. Dak li fis-sentenza jissejjah bhala r-rijunjoni fittizja. Ikun utli li ssir riferenza ghall-ispjegazzjoni li jaghtu Andrea Torrente u Piero Schlesinger fil-ktieb *Manuale di Diritto Privato* (Giuffre' Editore, 1981):

*"Per poter stabilire se il testatore – con donazioni eventualmente effettuate in vita a favore di terzi o di alcuni soltanto dei legittimari, in danno degli altri, o con le disposizioni testamentarie – abbia leso I diritti spettanti ai legittimari, occorre calcolare l'entita' del suo patrimonio all'epoca dell'apertura della successione.*

***Questa operazione e' meramente contabile** e, siccome I beni vengono riuniti soltanto fittiziamente, sulla carta, si chiama **riunione fittizia**. Si calcolano I valori dei beni che appartevano al defunto al tempo dell'apertura della successione (la somma dei valori di questi beni si chiama relictum – id quod relictum est – cio' che e' stato lasciato). Dalla somma stessa si detraggono I debiti, perche' bona non intelliguntur nisi deducto aere alieno. Al risultato cosi' ottenuto si aggiungono I beni di cui il testatore abbia eventualmente disposto in vita a titolo di donazione (donatum = cio' che e' stato donato)……..".*

7. Ikun floku li ssir ukoll riferenza ghal sentenza parzjali ohra moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Frank Camilleri) fit-3 ta' Marzu 2000 fil-kawza **Emilia Maria Mifsud vs Eleonora sive Nellie Mizzi et** (Cit. nru: 751/66)[7], fejn il-Qorti hatret perit tekniku ghal finijiet ta' valutazzjoni tal-proprjeta' u dderigietu sabiex l-istima *"issir b'riferenza ghaz-zmien tal-istess stima peritali……"*. Dan wara li l-Qorti ghamlet riferenza ghall-

[7] Hawn fuq citata.

insenjament tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza moghtija fl-14 ta' Dicembru, 1973. Ghalhekk il-Qorti ma qablitx mal-argument tal-konvenut li l-istima kellha ssir b'riferenza ghaz-zmien tal-apertura tas-successjoni indipendentement minn kull awment ta' valur tal-beni (jew deprezzament) li seta' kien hemm matul is-snin.

Min-naha l-ohra fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ellul et vs John Ellul et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2006, il-Qorti kkalkolat il-legittima fuq il-valur tal-wirt fil-mument ta' l-apertura tas-successjoni minn liema ammont tnaqqsu d-djun tal-wirt. F'dik il-kawza ulied id-decujus kienu sitta u ghalhekk il-kwota ta' legittima spettanti lil kull wiehed minnhom kien ta' wiehed minn tnax (1/12) tal-wirt.

Imbaghad f'decizjoni ricenti moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismjiet **Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et** (28 ta' Jannar 2005), saret riferenza ghas-sentenzi fuq citati u l-Qorti ddikjarat li *"…tikkondividi pjenament dak li ntqal fis-sentenzi fuq imsemmija*[8] *w billi, kif sewwa osservaw l-atturi appellanti, l-kwistjoni f'dawn il-proceduri hija limitata ghal-likwidazzjoni tal-legittima dovuta,* ***kull valutazzjoni ghandha ssir bil-valuri ta' l-assi ereditarji fid-data tal-likwidazzjoni ta' l-istess legittima****………. Konsegwentement l-atti qed jigu rinvjati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti civili sabiex tigi likwidata l-legittima spettanti lill-atturi fuq valutazzjoni tas-sehem ta' Emanuele Ellul mill-assi ereditarju 'ta' missieru Emanuele, fi zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjarja'"* (sottolinejar tal-Qorti). Sentenza li varjat dik moghtija mill-Ewwel Qorti (19 ta' Frar 2004) in kwantu kienet iddikjarat li, *"il-kriterju li ghandu jittiehed biex jigi mahdum il-valur tal-legittima dovuta lill-atturi* ***huwa dak li jqis is-siwi tal-gid tal-wirt rilevanti fiz-zmien tal-mewt ta' missier l-imharrkin****, sakemm ma jintwerix li xi gid li kien jaghmel mill-imsemmi wirt gie mibjugh jew b'mod iehor trasferit, f'liema kaz il-valur ghandu jitqies bil-prezzijiet tal-lum"* (sottolinejar tal-Qorti).

8. Taht il-ligi Taljana hemm l-Artikolu 556 li jipprovdi:

*"Per determinare l'ammontare della quota di cui il defunto poteva disporre si forma una massa di tutti I beni che appartevano al defunto al tempo della morte, detraendone i debiti. Si riuniscono*

[8] Dawk tal-Qorti ta' l-Appell tal-10 u 14 ta' Dicembru 1973, hawn fuq citati.

*quindi fittiziamente I beni di cui sia stato disposto a titolo di donazione, secondo il loro valore determinato in base alle regole negli articoli 747 a 750, e sull'asse cosi' formato si calcola la quota di cui il defunto poteva disporre".*

Dan il-provvediment gie spjegat fil-gurisprudenza Taljana b'dan il-mod:-

*"In tema di reintegrazione degli eredi legittimari, per determinare, nel patrimonio e, la quota disponibile e quella di riserva, il valore dei beni relitti o donate deve valutarsi in riferimento al momento dell'apetura della successione, e, pertanto, ove si tratti di fondo agricolo con annessi fabbricati rurali, prescindendo da sopravvenuti mutamenti della loro destinazione (91/649). Tale principio deve ricevere applicazione sia al fine di stabilire se vi sia stata, o non, lesione di legittima, sia al fine di determinare l'entita' della q. di eredita' che deve essere attribuita all'erede della disponibile (78/269)"* (*Commentario Breve al Codice Civile*, Complemento Giurisprudenziale – Giorgio Cian u Alberto Trabucchi, Cedam 1996 – pagna 521).

Imbaghad f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kassazzjoni u riportata fil-*Codice Civile, Annotato con la Giurisprudenza della Corte Costituzionale, della Corte di Cassaione e delle Giurisdizioni Amministrative Superiori*, G. Pescatore u C. Ruperto, Giuffre' Editore, Volum I pagna 578, inghad: *"Peraltro, qualora tale integrazione venga effettuata mediante compenso in danaro, nonostante l'esistenza, nell'asse, di beni in natura, essa deve essere adeguata al mutato valore – al momento della decisione giudiziale – del bene a cui il legittimario avrebbe diritto, affinche' ne costituisca l'esatto equivalente (cass. 28 giugno 1976, n. 2452)".*

Skond l-Artikolu 620(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16): *"Il-legittima titqies* ***fuq l-assi kollu****, wara li jitnaqqsu d-djun ta' l-assi u l-ispejjez tal-funerali".*

Kif rajna fl-assi jidhlu dak kollu li ddispona minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu (mhux inkluz spejjez ta' edukazzjoni ta' tfal u dixxendenti) [Artikolu 620(3) tal-Kap. 16] u dak li jmissu l-legittima ghandu jaqta' minnha x'ikun ircieva minghand it-testatur u soggett ghall-kolazzjoni [Artikolu 620(4) tal-Kap. 16].

9. Mehud in konsiderazzjoni dawn il-principji, il-punt tat-tluq hu dak li jissejjah bhala **rijunjoni fitizzja**. Permezz ta' dan il-pass preliminari isir kalkolu ta' l-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (*disposable portion*) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Din mhi xejn ghajr likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B'dan il-mod ikun jista' jigi determinat jekk fir-realta' kienx hemm lezjoni tal-legittima. Dan l-ezercizzju jrid isir b'dan il-mod:-

(a) Fl-ewwel lok ghandhom jingabru l-beni kollha fi zmien tal-ftuh tas-successjoni (*relictum*) u jinghata l-valur taghhom fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni;
(b) Minn dan l-ammont ghandu jinqata' d-dejn;
(c) Mill-bilanc li jibqa' ghandu jizdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni[9]. Fl-Artikolu 648(b) tal-Kodici Civili jinghad li din il-proprjeta' *"shall be fictitiously added"* mehud in konsiderazzjoni tal-valur tal-proprjeta fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kondizzjoni li kienet meta nghatat id-donazzjoni.

B'hekk inkunu nistghu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul hajtu u wkoll permezz ta' disposizzjonijiet testamentarji) **jaqbizx is-sehem li minnu seta' jiddisponi.** Tant hu hekk li l-Artikolu 648(c) jipprovdi li *"is-sehem li t-testatur seta' jaghmel minnu jinqies fuq l-assi hekk migbur, billi jittiehed qies tal-jeddijiet ta' dawk li ghandhom jedd b'ligi ta' sehem mill-beni tieghu, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 615 sas-646"*. **F'kaz li jaqbez is-sehem li seta' jiddisponi minnha, ikun hemm lezjoni ta' legittima**. Pero' f'dan l-ezercizzju wiehed irid ukoll jikkunsidra legati li setghu thallew lill-legittimarju u dak li seta' rcieva minghand it-testatur *inter vivos* u li hu soggett ghall-kollazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk il-legittima thallsitx[10]. Imbaghad hu biss fejn dak li ddispona minnu t-testatur jaqbez is-sehem li minnu seta' jiddisponi, li jrid isir l-ezercizzju

[9] *"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The legitima portio is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due, even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights"* (Prof. Caruana Galizia fin-*Notes on Law of Succession*, pagna 1021).
[10] Artiklu 620(4) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

maghruf bhala riduzzjoni skond id-disposizzjonijiet 650-653 tal-Kodici Civili (Kap. 16).
Ezempju tajjeb ta' kif ghandu jsir dan l-ewwel kalkolu hu dak moghti mill-awtur Carlo Giannattasio (*Diritto Civile* fil-parti *Dei Legittimari*, pagna 325) li jghid hekk:

*"Valga un esempio. Alla morte di Tizio, cui sopravvivono tre figli I beni lasciati, cioe' il-relictum, valgono 100, I debiti ereditari ammontano a 20, le donazioni fatte in vita (donatum) ascendono a 40, per una persona estranea e' stato disposto nella misura di 10. Detraendo 20 da 100 si ha la differenza di 80, si sommano le donazioni e si ha il risultato di 120. La legittima riservata ai tre figli e' per l'art. 537 pari a due terzi, e cioe' ad 80, ma poiche' il genitore ha donato pero 40 ed ha disposto per testamento per 10 egli ha superato il valore della disponibile che e' di 40 (120 - 80) ed ha quindi leso la quota legittima".*

10. Wara li tkun saret ir-rijunjoni fittizja sabiex kif inghad jigi stabbilit jekk inqabizx is-sehem li t-testatur seta' jaghmel minnu (*disposable portion*) u fejn jirrizulta li l-legittima ma gietx sodisfatta[11], wiehed irid iqies il-kriterji li ghandhom jigu segwiti fil-principju fir-rigward tal-valutazzjoni tal-assi li strettament il-legittimarju ghandu dritt li jircievi s-sehem in natura in kwantu kif rajna *"il-legittima ghandha tinghata fi proprjeta' shiha….."* (Art. 620(1) tal-Kodici Civili). Fejn:-

(i) **<u>It-testatur ma jkunx qabez is-sehem li minnu seta' jiddisponi</u>**:-

(a) Kif rajna l-legittima tigi kalkolata fuq l-assi kollha nkluz dawk li t-testatur iddispona minnhom gratuwitament. Madankollu l-legittimarju ma jkunx jista' jircievi porzjon mill-proprjeta' li t-testatur ikun iddispona minnha b'donazzjoni jew b'legati in kwantu t-testatur jista' jaghmel li jrid b'dik il-parti tal-patrimonju li hi disponibbli; *"….the person to whom the legitim is due may not claim any portion*

[11] Fil-kawza **Avv. Enrico Carlo Vassallo noe vs Giuseppina Mallia** ed altri deciza fl-24 ta' Frar 1930 (Vol. XXVII.i.451), il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat li *"la legittima e' dovuta in natura, pero' il testatore ha il diritto di riservare per il legittimario una determinata specie di beni, anzicche' una quota di tutti i singoli suoi beni. Il testatore puo' percio' lasciare per testamento tutti I beni mobile o immobili sino alla concorrenza della disponibile, e riservare pel legittimario solo beni mobile o immobili".* Kompliet tghid li *"Ai beni lasciati al legittimario in saldo o acconto della sua legittima si deve attribuire il valore che avevano al tempo dell'apertura della successione".*

*of the property disposed of by the testator, either by donation or by will, unless he has thereby disposed of more than he is by law allowed. In other words, the descendants' or ascendants' right to the legitim limits the testator's power of disposal in respect only of the amount, and not of the kind, of the property which he owns"*[12]; Ghalhekk, f'dan ir-rigward il-legittimarju jkollu dritt li jircievi s-sehem tieghu fi flus, skond il-valur ta' l-oggett **fi zmien tal-apertura tas-successjoni** in kwantu d-donazzjoni jew legat jittiehdu in konsiderazzjoni biss ghal finijiet ta' kalkolu tal-legittima.

(b) Pero' dwar il-kumplament tal-beni ereditarji, fejn il-Qorti tista' minhabba c-cirkostanzi tiddecidi li l-legittimarju m'ghandux jircievi sehemu minn din il-proprjeta *in natura* imma fi flus, il-valutazzjoni ta' din il-proprjeta' ghandha tkun dik l-iktar vicin possibbli ghad-decizjoni finali. Wiehed irid jiftakar li fir-rigward ta' ereditajiet ta' qabel dahlu fis-sehh bl-Att XVIII ta' l-2004, il-legittimarju ghandu d-dritt li jircievi *in natura* sehemu mill-beni tal-mejjet. F'dan ir-rigward il-legittima hi dritt ta' proprjeta'. Ghalhekk jekk per ezempju hemm erbgha proprjetajiet, strettament b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-ligi li jirregolaw il-hlas tal-legittima kull wiehed mill-legittimarji fil-kawza odjerna ghandu d-dritt li jiricievi 1/16[13] sehem f'kull proprjeta'. Fejn minflok dan is-sehem *in natura* l-Qorti tiddecidi li l-legittimarju ghandu jircievi flus[14], ikun gust u ekwu li l-legittimarju jircievi dan is-sehem skond il-valur tal-beni fiz-zmien l-iktar qrib possibbli tas-sentenza finali. Jekk ikun mod iehor ikun qieghed jigi pregudikat legittimarju li jircievi flus meta paragunat ma' dak li kien jircievi kieku ha s-sehem tal-beni *in natura*. Ghalhekk il-legittimarju ghandu jircievi l-ekwivalenti fi flus ta' dak li seta' ha in natura fiz-zmien tal-pronunzjament tas-sentenza. Principju li ghandu japplika wkoll fejn per ezempju l-eredi jkunu bieghu fil-mori tal-proceduri xi gid tal-wirt li minnhom il-legittimarju jkollu wkoll dritt ghal sehem minnu in kwantu kien jifforma parti

[12] Prof. V. Caruana Galizia, *Notes on the Law of Succession* pagna 1001.
[13] Dan hu s-sehem li f'dan il-kaz jirrizulta li ghandha l-konvenuta bhala legittimarja Rita Portelli minn kull wahda mill-ereditajiet tal-genituri taghha.
[14] Per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Maria Concetta Scicluna et vs Carmelo Meli et noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef E. Magri) fis-7 ta' Jannar 1967 (Vol. L.ii.696) il-Qorti osservat: *"Li, fl-assenjazzjoni tal-legittima kif fuq stabilita, ghalkemm qeghda tigi konsegwita in-natura, ma kienx materjalment possibbli li fiha tigi mdahhla parti min kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus"*.

mill-beni tal-mejjet (ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fl-14 ta' Dicembru 1973 fil-kawza fl-ismijiet **Emilia Maria Mifsud et vs Eleonora Mizzi et**). Principju li fil-gurisprudenza gie applikat anke fejn kien hemm deprezzament fil-valur tal-proprjeta'. Hekk per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Carmela Farrugia ne. et vs Concetta Mintoff et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Gunju, 1949[15] kien hemm beni ereditarji li sofrew hsarat waqt il-gwerra: *"Fil-kaz il-beni ereditarji kienu sofrew xi hsara bil-ghemil tal-ghadu fil-gwerra, u gie deciz illi l-legittima kellha tigi kalkulata mhux fuq il-valur tal-beni minghajr dik il-hsara, imma fuq il-valur tal-beni kif hekk danneggjati, slav id-dritt tal-legittimarju li jippartecipa fil-kumpens li eventwalment thallas il-War Damage Commission"*. Ghalhekk dan hu l-kriterju li ghandu jintuza fir-rigward ta' dik il-proprjeta' li t-testatur ma jkunx iddispona b'xi donazzjoni jew legat.

(ii) **<u>Fejn it-testatur ikun qabez is-sehem li minnu seta' jiddisponi</u>:-**

Ghandhom japplikaw l-istess principji msemmija fil-paragrafu 10(i) ta' dan il-provvediment, bid-differenza li f'tali cirkostanzi irid isir l-ezercizzju tar-riduzzjoni tad-disposizzjonijiet li ghamel it-testatur u dan ghandu jibda mid-disposizzjonijiet testamentarji (bil-mod li jiddisponi l-Artikolu 651 tal-Kodici Civili) in kwantu dawn huma l-ahhar disposizzjonijiet li jkun ghamel it-testatur. L-iskop ta' dan l-ezercizzju hu sabiex issir ir-reintegrazzjoni tal-legittima. Fir-rigward ta' dik il-proprjeta' li tkun regghet iddahhlet fil-patrimonju tat-testatur b'rizultat ta' dan l-ezercizzju ta' riduzzjoni, ghal finijiet ta' valutazzjoni din ukoll ghandha ssir b'riferenza ghaz-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali in kwantu kif rajna jista' jaghti l-kaz li l-Qorti tordna li l-hlas isir fi flus u mhux f'beni.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tordna li l-likwidazzjoni tal-legittima u valutazzjonijiet li huma mehtiega ghandhom isiru ghab-bazi u in konformita' mal-principji fuq imsemmija.

Fir-rigward ta' valutazzjoni li jidher li saret mill-perit inkarigat mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghal skopijiet ta' denunzja tal-konjugi Portelli, il-konvenuta Rita Portelli (wahda mill-legittimarji) m'hijiex taqbel li ghal fini ta' kalkoli l-proprjeta' tinghata l-valutazzjoni moghtija

[15] Vol. XXXIII.i.472.

minn dan il-perit u trid li ssir valutazzjoni mill-perit mahtur mill-Qorti. Il-konvenuta Rita Portelli ghandha kull dritt li ma taqbilx u l-Qorti m'hijiex konvinta li kien intlehaq ftehim li l-valutazzjoni ssir a bazi tal-valutazzjoni li ghamel il-perit inkarigat mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Pero' l-Qorti qeghda taghmilha cara li jekk jirrizulta li jkunu saru spejjez bla bzonn, fl-ahhar tal-gurnata dan ser jigi rifless fuq il-kap ta' l-ispejjez. Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-atturi sabiex il-konvenuta Rita Portelli tigi ordnata taghti garanzija kif mitlub mill-atturi, b'rizerva li meta taghti s-sentenza finali taghti l-provvedimenti opportuni.

Il-Qorti qeghda ghal kull buon fini tirrevoka wkoll in-nomina ta' l-avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace (in kwantu baghat jitlob lill-Qorti sabiex tirrevokalu l-inkarigu moghti lilu) u tissostitwih bl-avukat Dr. Marco Ciliberti, sabiex jassisti lill-perit tekniku fil-qadi ta' l-inkarigu tieghu.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

(ft.) Anthony Ellul
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur